32004L0083

30.9.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 304/12

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/83/KE
## tad-29 ta' April 2004
## dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment punti 1(ċ), 2(a) u 3(a) ta' l-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([3]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([4]),

Billi:

(1) Politika komuni dwar kenn (*asylum*), inkluża Sistema ta' Kenn (*Asylum*) Komuni Ewropea, hija parti kostitwenti ta' l-għan ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi erja ta' liberta, sigurta u ġustizzja miftuħa għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, leġittimament ifittxu protezzjoni fil-Komunità.

(2) Il-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 ftiehem li jaħdem sabiex jistabbilixxi Sistema ta' Kenn (*Asylum*) Komuni Ewropea, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra li għandha x'taqsam ma' l-Istat ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 (Konvenzjoni ta' Ġinevra), kif supplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (Protokoll), b'hekk tafferma l-prinċipju ta' *non-refoulement* u tiżgura li ħadd ma' jintbagħat lura għal persekuzzjoni.

(3) Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll jipprovdu l-*cornerstone* tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' refuġjati.

(4) Il-konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu li Sistema ta' Kenn (*Asylum*) Komuni Ewropea għandha tinkludi, fuq skond qasir, l-approssimazzjoni ta' regoli dwar l-għarfien ta' refuġjati u l-kontentut ta' l-istat tar-refuġjat.

(5) Il-konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu wkoll li regoli rigward l-istat tar-refuġjati għandhom jiġu kumplimentati b'miżuri dwar forom sussidjarji ta' protezzjoni, li joffru stat xieraq lil kull persuna fil-bżonn ta' din il-protezzjoni.

(6) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa, mill-banda waħda, li jiżgura li Stati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, mill-banda l-oħra biex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju huwa disponibbli għal dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha.

(7) It-tqarrib lejn xulxin (approsimazzjoni) ta' regoli dwar l-għarfien u l-kontenut ta' l-istat ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjara għandu jgħin biex jillimita l-moviment sekondarju ta' applikanti għal kenn (*asylum*) bejn Stati Membri, fejn dan il-moviment huwa purament ikkaġunat minn differenzi f'qafas legali.

(8) huwa fin-natura vera ta' livelli stabbiliti minimi li Stati Membri għandhom ikollhom il-poter li jdaħħlu jew iżommu aktar dispożizzjonijiet favorevoli għal ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru, fejn din it-talba hija mifhuma li hija fuq il-bażi li l-persuna interessata hija jew refuġjat fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew persuna li nkella teħtieġ protezzjoni internazzjonali.

(9) Dawk iċ-ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, li huma permessi li jibqgħu fit-territorji ta' l-Istati Membri għal raġunijiet li mhumiex minħabba ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali imma fuq bażi għaqlija (*discretionary*) fuq bażijiet ta' kumpassjoni jew umanitarji, joħorġu barra mill-iskop ta' din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji magħrufa partikolarment mill-Kapitolu ta' Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Partikolarment, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjita tal-bniedem u d-dritt għal kenn (*asylum*) għal applikanti għal kenn (*asylum*) u l-membri tal-familja li jakkompanjawhom.

(11) Rigward it-trattament ta' persuni li jidħlu fl-iskop ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi skond strumenti ta' liġi internazzjonali li tagħhom huma parti u li jipprojbixxu diskriminazzjoni.

(1) ĠU C 51 E, tas-26.2.2002, p. 325.
(2) ĠU C 300 E, tal-11.12.2003, p. 25.
(3) ĠU C 221, tas-17.9.2002, p. 43.
(4) ĠU C 278, ta' l-14.11.2002, p. 44.

(12) L-"aħjar interessi tat-tfal" għandu jkun konsiderazzjoni primarja ta' Stati Membri meta jimplimentaw din id-Direttiva.

(13) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-Protokoll dwar kenn (*asylum*) għal ċittadini nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kif anness mat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(14) L-għarfien ta' stat ta' refuġjat huwa att dikjaratorju.

(15) Konsultazzjonijiet mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għal Refuġjati jistgħu jipprovdu gwida ta' valur għal Stati Membri meta jistabbilixxu stat ta' refuġjat skond l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(16) Livelli stabbiliti minimi għad-definizzjoni u l-kontenut ta' stat ta' refuġjat għandhom jiġu preskritti sabiex jiggwidaw il-korpi nazzjonali kompetenti ta' l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(17) Huwa meħtieġ li jiddaħħlu kriterji komuni għall-għarfien ta' applikanti għal kenn (*asylum*) bħala refuġjati fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(18) Partikolarment, huwa meħtieġ li jiġu ntrodotti kunċetti komuni ta' ħtiġijiet ta' protezzjoni li jinħolqu *sur place*; sorsi ta' perikolu u protezzjoni; protezzjoni interna; u persekuzzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

(19) Protezzjoni tista' tiġi provvduta mhux biss mill-Istat imma wkoll minn partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jilħqu l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jikkontrollaw reġjun jew erja akbar fit-territorju ta' l-Istat.

(20) Huwa meħtieġ, meta jiġu stmati applikazzjonijiet minn minuri għal protezzjoni internazzjonali, li Stati Membri għandhom jagħtu każ ta' forom speċifiċi għat-tfal ta' persekuzzjoni.

(21) Huwa ugwalment meħtieġ li jiddaħħal kunċett komuni tal-bażi tal-persekuzzjoni "shubija ta' grupp soċjalipartikolari".

(22) Atti għall-kuntrarju għall-għanijiet u l-prinċiji tan-Nazzjonijiet Uniti huma dikjarati fil-Preamblu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Kapitolu tan-Nazzjonijiet Uniti u huma, fost oħrajn, ġor-Risoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li jiġġieldu kontra t-terroriżmu, li jiddikjaraw li "atti, metodi u prattiċi ta' terroriżmu huma kuntrarju għall-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti" u li l-"finanzjament, l-ippjanar u t-tqanqil ta' atti terroristiċi apposta huma wkoll kuntrarju għall-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti".

(23) Kif riferit fl-Artikolu 14, "stat" jista' jinkludi wkoll stat ta' refuġjat.

(24) Livelli stabbiliti minimi għad-definizzjoni u l-kontenut ta' stat ta' protezzjoni sussidjara għandhom jiġu preskritti wkoll. Protezzjoni sussidjarja għandha tkun kumplimentari u addizzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati inkwadrata fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(25) Huwa meħtieġ li jiddaħħlu kriterji li fuq il-bażi tagħhom applikanti għal protezzjoni internazzjonali jridu jintgħarfu bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. Dawk il-kriterji għandhom jitfasslu mill-obbligi internazzjonali skond strumenti u prattiċi tad-drittijiet tal-bniedem li jeżistu fl-Istati Membri.

(26) Riskji li għalihom popolazzjoni ta' pajjiż jew taqsima tal-popolazzjoni hija ġeneralment esposta normalment ma joħolqux fihom nfushom theddida individwali li tikkwalifika bħala periklu serju.

(27) Membri tal-famija, sempliċement minħabba r-relazzjoni tagħhom mar-refuġjat, normalment se jkunu vulnerabbli għal atti ta' persekuzzjoni f'manjiera li tista' tkun il-bażi ta' stat ta' refuġjat.

(28) L-idea ta' sigurta nazzjonali u ordni pubblika tkopri wkoll każijiet li fihom ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jappartjeni għal assoċjazzjoni li tappoġġja terrorismu internazzjonali jew tappoġġja din l-assoċjazzjoni.

(29) Fil-waqt li l-benefiċċji provvduti lil membri tal-familja ta' benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja ma jridux neċessarjament ikunu l-istess bħal dawk provvduti lill-benefiċjarju li jikkwalifika, jeħtieġu li jkunu fiera f'paragun ma' dawk li jgawdu benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja.

(30) Fil-limiti dikjarati minn obbligi internazzjonali, Stati Membri jistgħu jippreskrivu li l-għoti ta' benefiċċji rigward aċċess għal impjieg, solliev soqjali, kura tas-saħħa u aċċess għal faċilitajiet ta' integrazzjoni jeħtieġ il-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.

(31) Din id-Direttiva ma tapplikax għal benefiċċji finanzjarji mill-Istati Membri li jingħataw sabiex jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(32) Id-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja rigward l-awtentiċita tad-diplomi barranin tagħhom, ċertifikati jew xhieda oħra ta' kwalifika formali għandhom jitqiesu.

(33) Speċjalment biex jiġi evitat dbatija fix-xogħol (*hardship*) soċjali, huwa xieraq, għal benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja, li jipprovdu mingħajr diskriminazzjoni fil-kuntest ta' għajnuna soċjali is-solliev soċjali adegwat u mezz ta' għajxien.

(34) Rigward għajnuna soċjali u kura tas-saħħa, il-modalitajiet u d-dettall tal-provvediment ta' benefiċċji ġewwinija għal benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għandhom jiġu stabbiliti mill-liġi nazzjonali. Il-possibilta li jiġu limitati l-benefiċċji għal benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għal benefiċċji ġewwinija trid tinftiehem fis-sens li din l-idea tkopri għall-inqas appoġġ ta' dħul minimu, għajnuna fil-każ ta' mard, tqala u għajnuna lill-ġenituri, sakemm u safejn jingħataw lil ċittadini nazzjonali skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru interessat.

(35) Aċċess għall-kura tas-saħħa, inkluż kemm kura tas-saħħa fiżika kif ukoll mentali, għandu jiġi żgurat lil benefiċjarji ta' refuġjati jew stat ta' protezzjoni sussidjarja.

(36) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi evalwata f'intervalli regolari, waqt li titqies partikolarment l-evoluzzjoni ta' l-obbligi internazzjonali ta' Stati Membri rigward *non-refoulement*, l-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri kif ukoll l-iżvilupp ta' prinċipji bażiċi komuni għall-integrazzjoni.

(37) Ladarba li l-għanijiet tad-Direttiva proposta, primparjament li jiġu stabbiliti livelli stabbiliti minimi għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali lil ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat mill-Istati Membri u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ma tistax tinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri u tista' għalhekk, minħabba fl-iskala u l-effetti tad-Direttiva, tinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, bi qbil mal-prinċipju ta' sussidarjeta kif dikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalita, kif dikjarat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk il-għanijiet.

(38) Bi qbil ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessat mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit għarraf, permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 2002, ix-xewqa tiegħu li jieħu parti fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(39) Bi qbil ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessat mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda għarrfet, permezz ta' ittra tat-13 ta' Frar 2002, ix-xewqa tagħha li tieħu parti fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(40) Bi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessat mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## IL-KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Kontenut tas-suġġett u skop

L-għan ta' din id-Direttiva tal-Kunsill huwa li tippreskrivi livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

*Artikolu 2*

### Id-definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "protezzjoni internazzjonali" tfisser l-istat ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'(d) u (f);

(b) "Konvezjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni li għandha x'taqsam ma' l-istat ta' refuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951, kif emendata fil-31 ta' Jannar 1967;

(ċ) "refuġjat" ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' bir-raġun li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalita, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalita u ma jistax, jew minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħed barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma jistax jew, minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx jirritorna lejha, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għalih;

(d) "stat ta' refuġjat" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat;

(e) "persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja" tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tiegħu jew tagħha, jiffaċċja riskju veru li jsofri periklu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għalihom l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikawx, u ma jistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

(d) "stat ta' protezzjoni sussidjarja" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(g) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex stat ta' refuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

(h) "membri tal-familja" jfissru, sakemm u safejn il-familja tkun diġa' eżistiet fil-pajjiż ta' l-oriġini, il-membri li ġejjin, tal-familja tal-beneriċjarju ta' l-istat tar-refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja li huma preżenti fl-istess Istat Membru rigward l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

— ir-raġel/mara tal-benefiċjarju ta' l-istat ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja jew is-sieħeb/sieħba tiegħu f'relazzjoni stabbli, fejn il-leġislazzjoni jew il-prattika ta' l-Istat Membru interessat titratta koppji mhux miżżewġa b'mod paragunabbli għal koppji miżżewġa skond il-liġi li għandha x'taqsam ma' aljeni,

— it-tfal minuri tal-koppja riferita fl-ewwel indent jew il-benefiċjarju ta' stat ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja, fuq kondizzjoni li mhumiex miżżewġin u dipendenti u mingħajr ma jitqies jekk twieldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew adottati kif definit skond il-liġi nazzjonali;

(i) "minuri mhux akkompanjati" ifissru ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat taħt l-eta ta' 18, li jaslu fit-territorju ta' l-Istati Membri mhux akkompanjati minn adult responsabbli għalihom sewwa jekk bil-liġi u sewwa jekk bi drawwa, u sakemm ma jittieħdux effettivament fil-kura ta' din il-persuna; tinkludi minuri li jitħallew mhux akkompanjati wara li jkunu daħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri;

(j) "permess ta' residenza" ifisser kull permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, fil-forma provvduta skond dik il-leġislazzjoni ta' l-Istat, li tippermetti ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jgħix fit-territorju tiegħu;

(k) "pajjiż ta' oriġini" ifisser il-pajjiż jew pajjiżi ta' nazzjonalita jew, għal persuni mingħajr stat, ta' residenza abitwali ta' qabel.

*Artikolu 3*

**Livelli stabbiliti aktar favorevoli**

L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu jew jżommu livelli stabbiliti aktar favorevoli biex jistabbilixxu min jikkwalifika bħala refuġjat jew bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u biex jistabbilixxu l-kontenut ta' protezzjoni internazzjonali, sakemm u safejn dawk il-livelli stabbiliti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva.

KAPITOLU II

**STIMA TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI**

*Artikolu 4*

**Stima ta' fatti u ċirkostanzi**

1. L-Istati Membri jistgħu iqisuha bħala d-dmir ta' l-applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'koperazzjoni ma' l-applikant huwa d-dmir ta' l-Istat Membru li jistma l-elementi rilevanti ta' l-applikazzjoni.

2. L-elementi riferiti fil-paragrafu 1 jikkonsistu mid-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni ta' l-applikanti rigward l-eta ta' l-applikant, l-ambjent minfejn ikun ġej, inkluż dak ta' qraba rilevanti, identita, nazzjonalita(jiet), pajjiż(i) u post(ijiet) ta' residenza ta' qabel, applikazzjonijiet ta' asil ta' qabel, rotti ta' vjaġġar, dokumenti ta' identita u ta' vjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. L-istima ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi li jitqiesu:

(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' l-oriġin fil-ħin tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni; inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-manjiera li fiha jiġu applikati;

(b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti presentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(ċ) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, sess u eta, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikun jammonta għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(d) jekk l-attivitajiet ta' l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini kienux għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawn l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew periklu serju jekk jiġi ritornat lura lil dak il-pajjiż;

(e) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġunevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.

4. Il-fatt li applikant diġa kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-perikolu, huwa indikazzjoni serja tal-biża bir-raġun ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri periklu serju, minbarra jekk ikun hemm raġunijiet tajbin li jista'jitqies li din il-persekuzzjoni jew periklu serju ma jiġix ripetut.

5. Fejn Stati Membri japplikaw il-prinċipju skond liema huwa d-dmir ta' l-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant mhumiex appoġġjati minn xhieda dokumentarja jew xhieda oħra, dawk l-aspetti m'għandhomx jeħtieġu konferma, meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

(b) l-elementi rilevanti kollha, għad-dispożizzjoni ta' l-applikant, ikun ġew sottomessi, u spjegazzjoni sodisfaċenti li għandha x'taqsam ma' nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat;

(ċ) id-dikjarazzjonijiet ta' l-applikant jistabu li huma koerenti u plawsibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ ta' l-applikant;

(d) l-applikant ikun applika għal protezzjoni internazzjonali fil-ħin l-aktar kmien possibbli, sakemm l-applikant jista' jagħti raġuni tajba għaliex ma jkunx għamel dan; u

(e) il-kredibilita ġenerali ta' l-applikant tkun ġiet stabbilita.

*Artikolu 5*

**Ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu *sur place***

1. Biża bir-raġun li jiġi persegwitat jew riskju veru li jsofri minn periklu serju jista' jiġi bażat fuq każijiet li jkunu seħħu mindu l-applikant ikun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini.

2. Biża bir-raġun li jiġi persegwitat jew riskju veru li jsofri minn periku serju jista' jiġi bażat fuq attivitajiet li l-applikant ikun wettaq minn meta telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini, partikolarment fejn jiġi stabbilit li l-attivitajiet fuq liema jkun straħ jikkostitwixxu l-espressjoni u l-kontinwita ta' konvinzjonijiet jew orjentamenti miżmuma fil-pajjiż ta' l-orġini.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant li jiddepożita applikazzjoni sosegwenti normalment m'għandux jingħata stat ta' refuġjat, jekk ir-riskju ta' persekuzzjoni jkun ibbażat fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ħoloq bid-deċiżjoni tiegħu stess minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini.

*Artikolu 6*

**Atturi ta' persekuzzjoni jew periklu serju**

Atturi ta' persekuzzjoni jew periklu serju jinkludu:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju ta' l-Istat;

(ċ) atturi mhux ta' l-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija f'(a) u (b), inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiequx jipprovdu protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju kif definit fl-Artikolu 7.

*Artikolu 7*

**Atturi ta' protezzjoni**

1. Protezzjoni tista' tiġi provvduta minn:

(a) l-Istat; jew

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju ta' l-Istat.

2. Protezzjoni hija ġeneralment provvduta meta l-atturi msemmija fil-paragrafu 1 jieħdu passi raġunevoli sabiex jipprevjenu l-persekuzzjoni jew isofru minn periklu serju, fost ħwejjeġ oħra, billi joperaw sistema legali effettiva għall-kxif, prosekuzzjoni u kastig ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew periklu serju, u l-applikant għandu aċċess għal din il-protezzjoni.

3. Meta jiġi stmat jekk organizzazzjoni internazzjonali tikkontrollax Stat jew parti sostanzjali tat-territorju tiegħu u tipprovdi protezzjoni kif deskritta fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kull gwida li tista' tiġi provvduta f'atti rilevanti tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Protezzjoni internazzjonali**

1. Bħala parti mill-istima ta' l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant mhuwiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jekk f'parti mill-pajjiż ta' l-oriġini ma hemmx biża' bir-raġun li jiġi persegwitat jew l-ebda riskju veru li jsofru periklu serju u l-applikant jista' jiġi mistenni raġunevolment li jgħix f'dik il-parti tal-pajjiż.

2. Fl-eżami ta' jekk parti mill-pajjiż ta' l-oriġini hijiex bi qbil ma' paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom fil-ħin tat-teħid tad-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni iqisu ċ-ċirkostanzi ġenerali li jipprevalu f'dik il-parti tal-pajjiż u għaċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant.

3. Paragrafu 1 jista' japplika minkejja ostakli tekniċi għar-ritorn fil-pajjiż ta' l-oriġini.

IL-KAPITOLU III

**KWALIFIKA BIEX WIEĦED IKUN REFUĠJAT**

*Artikolu 9*

**Atti ta' persekuzzjoni**

1. Atti ta' persekuzzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 A tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jridu:

(a) jkunu serji biżżejjed fin-natura jew repetizzjoni tagħhom li jikkostitwixxu vjolazzjoni serja ta' drittijiet bażiċi tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet minn liema deroga ma tistax issir skond l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali; jew

(b) ikunu akkumulu ta' diversi miżuri, inkluż vjolazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li huwa serju biżżejjed li jaffettwa individu f'manjiera simili kif imsemmi f'(a).

2. Atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1, jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jieħdu l-forma ta':

(a) atti ta' vjolenza fiżiċi jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali;

(b) miżuri legali, amministrattivi, ta' pulizija u/jew ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati f'manjiera diskriminatorja;

(ċ) prosekuzzjoni jew kastig, li huwa sproporzjonat jew diskriminatorju;

(d) negar ta' twissija ġudizjarja li tirrisulta f'kastig sproporzjonat jew diskriminatorju;

(e) prosekuzzjoni jew kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari f'konflitt, fejn it-twettieq ta' servizz militarju jkun jinkludi delitti jew atti li jidħlu taħt il-klawsoli ta' esklużjoni kif dikjarat fl-Artikolu 12(2);

(f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal.

3. Bi qbil ma' l-Artikolu 2(ċ), irid ikun hemm konnessjoni bejn ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 10 u l-atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1.

*Artikolu 10*

**Raġunijiet għal persekuzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi li ġejjin meta jistmaw ir-raġunijiet għal persekuzzjoni:

(a) il-kunċett ta' razza għandu partikolarment jinkludi konsiderazzjonijiet ta' kulur, dixxendenza jew sħubija ta' grupp etniku partikolari;

(b) il-kunċett ta' reliġjoni għandu partikolarment jinkludi ż-żamma ta' twemmin f'Alla (*theistic*), mhux f'Alla (*non-theistic*), u ateu, il-parteċipazzjoni ġo, jew l-astenzjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew ta' wieħed waħdu jew f'Komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' ħsieb, jew forom ta' kondotta personali jew li għandha x'taqsam mal-komun bażati fuq jew mandati minn xi twemmin reliġjuż;

(ċ) il-kunċett ta' nazzjonalita m'għandux jiġi ristrett għal ċittadinanza jew nuqqas tagħha imma għandu partikolarment jinkludi sħubija ta' grupp stabbilit mill-identita kulturali, etnika, jew lingwistika tiegħu, oriġini ġijografika jew politika jew ir-relazzjoni tiegħu mal-popolazzjoni ta' Stat ieħor;

(d) grupp għandu jitqies li jifforma grupp soċjali partikolari fejn partikolarment:

— membri ta' dak il-grupp jaqsmu ambjent minn fejn ikunu ġew karatteristiku naturali, jew komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristiku jew twemmin li tant huwa fondamentali għall-identita jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunsjah, u

— li grupp għandu identita distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li huwa notat bħala differenti mis-soċjeta ta' madwaru;

skond iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' l-orġini, grupp soċjali partikolari jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristiku komuni ta' orjentament sesswali. Orjentament sesswali ma jistax jinftiehem li jinkludi atti li huma meqjusa bħala kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri: Aspetti li għandhom x'jaqsmu mas-sess jistgħu jitqiesu, mingħajr ma joħolqu weħidhom presunzjoni għall-applikabilita ta' dan l-Artikolu;

(e) il-kunċett ta' opinjoni politika għandu partikolarment jinkludi ż-żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin jew materja li għandha x'taqsma ma' l-atturi potenzali ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6 u għall-politika jew metodi tagħhom, sewwa jekk dik l-opinjoni, ħsieb jew twemmin ikun aġixxa fuqu l-applikant u sewwa jekk le.

2. Fl-istima ta' jekk applikant għandux biża' bir-raġun ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant attwalment jipposjedix il-karatteristiku ta' razziżmu, reliġjuż, nazzjonali, soċjali jew politiku li jattira l-persekuzzjoni, basta iżda li dan il-karatteristiku huwa attribbwit għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

*Artikolu 11*

**Waqfien**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jieqaf milli jkun refuġjat, jekk huwa jew hija:

(a) approfitta ruħu jew ruħha mill-ġdid b'mod voluntarju mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalita; jew

(b) billi kien tilef in-nazzjonalita tiegħu jew tagħha, akkwistaha mill-ġdid b'mod voluntarju; jew

(ċ) akkwista nazzjonalita ġdida, u jgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalita ġdida tiegħu jew tagħha; jew

(d) stabbilixxi lilu nnifsu mill-ġdid b'mod voluntarju fil-pajjiż li huwa jew hija jkun telqu jew barra mill-liema huwa jew hija jkunu baqgħu minħabba biża ta' persekuzzjoni; jew

(e) ma jistax aktar, minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom huwa jew hija jkunu ġie magħrufa bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, jkompli jirrifjuta milli japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonali;

(f) billi hija persuna mingħajr stat bl-ebda nazzjonalita, huwa jew hija tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom huwa jew hija ġie magħruf bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

2. Fil-konsiderazzjoni tal-punti (e) jew (f) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu jekk il-bdil fiċ-ċirkostanzi huwiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja li l-biża tar-refuġjat minn persekuzzjoni ma tistax tibqa' titqies bħala bir-raġun.

*Artikolu 12*

**Esklużjoni**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jiġi eskluż milli jkun refuġjat, jekk:

(a) huwa jew hija jaqgħu fl-iskop ta' l-Artikolu 1 D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li għandha x'taqsam mal-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti oħra għajr il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma' l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament bi qbil mar-risoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn il-persuni għandhom ipso facto jiġu ntitolati għall-benefiċċji ta' din id-Direttiva;

(b) huwa jew hija jingħarfu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih huwa jew hija qegħdin igħixu bħala li għandhom id-drittijiet u l-obbligi li jingħataw lill-pussess tan-nazzjonalita ta' dak il-pajjiż; jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għal dawn.

2. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jiġi eskluż milli jkun refuġjat meta jkun hemm raġunijiet serja li jitqiesu li:

(a) huwa jew hija jkunu kommettew delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanita, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

(b) huwa jew hija jkunu kommettew delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż tar-refġjuta qabel id-dħul tiegħu jew tagħha bħala refuġjat; li jfisser il-ħin tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi ta' l-għoti ta' stat ta' refuġjat; partikolarment azzjonijiet krudili, anke jekk kommessi b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti serji mhux politiċi;

(ċ) huwa jew hija kienu ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif dikjarat fil-Preamblu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Kapitolu tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Paragrafu 2 japplika għal persuni li jinstigaw jew inkella jipparteċipaw fil-kommissjoni tad-delitti jew atti msemmija fih.

IL-KAPITOLU IV

**STAT TA' REFUĠJAT**

*Artikolu 13*

**L-għoti ta' stat ta' refuġjat**

L-Istati Membri għandhom jagħtu stat ta' refuġjat lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, li jikkwalifika bħala refuġjat bi qbil mal-Kapitoli II u III.

*Artikolu 14*

**Revoka u, tmien ta' jew rifjut għat-tiġdid ta' stat ta' refuġjat**

1. Rigward applikazzjonijiet għal protezzjonijiet internazzjonali depożitati wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istat ta' refuġjat ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mogħti minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kwasi-ġudizzjarju, jekk huwa jew hija jkunu waqfu milli jkunu refuġjati bi qbil ma' l-Artikolu 11.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dmir tar-refuġjat bi qbil ma' l-Artikolu 4(1) li jiżvela l-fatti rilevanti kollha u jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha, l-Istat Membru, li jkun ta l-istat ta' refuġjat, għandu fuq bażi individwali juri li l-persuna interessata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet refuġjat bi qbil ma' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Stati Membri għandhom jirrevokaw, itemmi jew jirrifjutaw li jġeddu l-istat ta' refuġjat ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, jekk, wara li huwa jew hija jkunu ngħataw stat ta' refuġjat, jiġi stabbilit mill-Istat Membru interessat li:

(a) huwa jew hija messhom kienu jew huma esklużi milli jkunu refuġjati bi qbil ma' l-Artikolu 12;

(b) il-misinterpretazzjoni jew it-tħollija barra tiegħu jew tagħha ta' fatti, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti ta' l-istat ta' refuġjat.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istat mogħti lil refuġjat minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kwasi-ġudizzjarju, meta:

(a) ikun hemm bażi raġunevoli sabiex jitqies jew titqies bħala periklu għas-sigurta ta' l-Istat Membru li fih huwa jew hija huma preżenti;

(b) huwa jew hija, wara li nstabu ħatja minn ġudizzju finali ta' delitt partikolarment serju, jikostitwixxu periklu għall-Komunità ta' dak l-Istat Membru.

5. F'sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux stat lil refuġjat, fejn din id-deċiżjoni ma tkunx għadha ttieħdet.

6. Persuni li għalihom japplikaw paragrafi 4 jew 5 huma ntitolati għal drittijiet dikjarati jew simili għal dawk dikjarati fl-Artikoli 3,4, 16, 22, 31 u 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sakemm u safejn huma preżenti fl-Istat Membru.

IL-KAPITOLU V

**KWALIFIKA GĦAL PROTEZZJONI SUSSIDJARJA**

*Artikolu 15*

**Periklu serju**

Periklu serju jikkonsisti minn:

(a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew

(b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' l-oriġini; jew

(ċ) theddida serja u individwali għal ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba fi vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

*Artikolu 16*

**Waqfien**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tieqaf milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja jkunu waqfu milli jeżistu jew ikunu nbiddlu sat-tali punt li l-protezzjoni ma tkunx għadha meħtieġa.

2. Fl-applikazzjoni ta' paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu jekk il-bdil fiċ-ċirkostanzi huwiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja m'għadhiex tiffaċċja riskju veru ta' periklu serju.

*Artikolu 17*

**Esklużjoni**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jiġi eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serja li jitqiesu li:

(a) huwa jew hija jkunu kommettew delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanita, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

(b) huwa jew hija jkunu kommettew delitt serju;

(ċ) huwa jew hija kienu ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif dikjarat fil-Preamblu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Kapitolu tan-Nazzjonijiet Uniti;

(d) huwa jew hija jikkostitwixxu periklu għall-Komunità jew għas-sigurta ta' l-Istat Membru li fih huwa jew hija huma preżenti.

2. Paragrafu 1 japplika għal persuni li jinstigaw jew inkella jipparteċipaw fil-kommissjoni tad-delitti jew atti msemmija fih.

3. L-Istati Membri jistgħu jeskludu ċittadin nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuna mingħajr stat milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, jekk huwa jew hija qabel id-dħul tiegħu jew tagħha fl-Istat Membru jkunu kommettew delitt wieħed jew aktar, barra mill-iskop ta' paragrafu 1, li jwassal għal kastig ta' ħabs, kieku ġew kommessi fl-Istat Membru interessat, u jekk huwa jew hija jkunu telqu mill-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom biss sabiex jevitaw sanzjonijiet li jirrisultaw minn dawn id-delitti.

IL-KAPITOLU VI

**STAT TA' PROTEZZJONI SUSSIDJARJA**

*Artikolu 18*

**L-għoti ta' stat ta' protezzjoni sussidjara**

L-Istati Membri għandhom jagħtu stat ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil mal-Kapitoli II u V.

*Artikolu 19*

**Revoka ta', tmien ta' jew rifjut għat-tiġdid ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja**

1. Rigward applikazzjonijiet għal protezzjonijiet internazzjonali depożitati wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istat ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mogħti minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kwasi-ġudizzjarju, jekk huwa jew hija jkunu waqfu milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil ma' l-Artikolu 16.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istat ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mogħti minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kwasi-ġudizzjarju, jekk wara li huwa jew hija jkunu ngħataw stat ta' protezzjoni sussidjarja, huwa jew hija messhom kienu esklużi milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil ma' l-Artikolu 17(3).

3. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw illi jġeddu l-istat ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, jekk:

(a) huwa jew hija, wara li jkunu ngħataw stat ta' protezzjoni sussidjarja, messhom kienu jew huma esklużi milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil ma' l-Artikolu 17(1) u (2);

(b) il-misinterpretazzjoni jew it-tħollija barra tiegħu jew tagħha ta' fatti, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti ta' l-istat ta' protezzjoni sussidjarja.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dmir taċ-ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bi qbil ma' l-Artikolu 4(1) li jiżvela l-fatti rilevanti kollha u jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha, l-Istat Membru, li jkun ta l-istat ta' protezzjoni sussidjarja, għandu fuq bażi individwali juri li l-persuna interessata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil ma' paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

IL-KAPITOLU VII

**KONTENUT TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI**

*Artikolu 20*

**Regoli ġenerali**

1. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet preskritti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika kemm għal refuġjati kif ukoll għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja minbarra jekk ikun indikat mod ieħor.

3. Fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli bħal ma huma minuri, minuri mhux akkompanjati, persuni b'disabbilita, persuni anzjani, nisa tqal, ġenitur wieħed bi tfal minuri u persuni li jkunu ġew suġġetti għal tortura, stupru, jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

4. Paragrafu 3 għandu japplika biss għal persuni li nstabu li għandhom bżonnijiet speċjali wara l-evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom.

5. L-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja għal Stati Membri meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jinvolvi minuri.

6. Fil-limiti dikjarati mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu, mogħtija lil refuġjat li l-istat ta' refuġjat tiegħu jkun inkiseb fuq il-bażi ta' attivitajiet li wieħed ikun imqabbad fihom għall-għan waħdieni jew ewlieni li joħloq il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jingħaraf bħala refuġjat.

7. Fil-limiti dikjarati mill-obbligi internazzjonali ta' Stati Membri, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu, mogħtija lil persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, li l-istat ta' protezzjoni sussidjarja tagħha tkun inkisbet fuq il-bażi ta' attivitajiet li wieħed ikun imqabbad fihom għall-għan waħdieni jew ewlieni li joħloq il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jingħaraf bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

*Artikolu 21*

**Protezzjoni minn *refoulement***

1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' *non-refoulement* bi qbil ma' l-obbligi internazzjonali tagħhom.

2. Fejn mhux projbit mill-obbligi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri *may refoule* refuġjat, sewwa jekk magħruf formalment u sewwa jekk le, meta:

(a) ikun hemm bażi raġunevoli sabiex jitqies jew titqies bħala periklu għas-sigurta ta' l-Istat Membru li fih huwa jew hija huma preżenti; jew

(b) huwa jew hija, wara li nstabu ħatja minn ġudizzju finali ta' delitt partikolarment serju, jikostitwixxu periklu għall-Komunità ta' dak l-Istat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu jew li jagħtu l-permess ta' residenza ta' (jew lil) refuġjat li għaliha japplika l-paragrafu 2.

*Artikolu 22*

**Informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu persuni magħrufa li huma fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, kemm jista' jkun malajr wara li jkun ingħata l-istat ta' protezzjoni rispettiva, b'aċċess għal informazzjoni, f'lingwa li x'aktarx tiġi mifhuma minnhom, dwar id-drittijiet u l-obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' dak l-istat.

*Artikolu 23*

**Żamma ta' unita tal-familja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li unita tal-familja tista' tinżamm.

2. L-Istati Membru għandhom jiżguraw li membri tal-familja tal-benefiċjarju ta' l-istat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja, li ma jikkwalifikaw individwalment għal dak l-istat, huma ntitolati li jippretendi l-benefiċċji riferiti fl-Artikoli 24 sa 34, bi qbil mal-proċeduri nazzjonali u sakemm u safejn huwa kompatibbli ma' l-istat legali personali tal-membru tal-familja.

Sakemm u safejn il-membri tal-familja ta' benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja huma interessati, Stati Membri jistgħu jid-definixxu l-kondizzjonijiet applikabbli għal dawn il-benefiċċji.

F'dawn il-każijiet, Stati Membri għandhom jiżguraw li kull benefiċċju provvdut jiggarantixxi livell stabbilit adegwat ta' ħajja.

3. Paragrafi 1 u 2 mhumiex applikabbli fejn il-membru tal-familja huwa jew jista' jiġi eskluż minn stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja skond il-Kapitoli III u V.

4. Minkejja paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw, inaqqsu jew jirtiraw il-benefiċċji riferiti fihom għal raġunijiet ta' sigurta nazzjonali jew ordni pubblika.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dan l-Artikolu japplika wkoll għal qraba oħra mill-viċin li għexu flimkien bħala parti mill-familja fil-ħin meta telqu mill-pajjiż ta' l-orġini, u li kienu dipendenti għal kollox jew prinċipalment fuq il-benefiċjarju ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja f'dak il-ħin.

*Artikolu 24*

**Permessi ta' residenza.**

1. Kemm jista' jkun malajr wara li l-istat tagħhom ikun ingħata, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat permess ta' residenza li jrid ikun validu għal mill-inqas tliet snin u jiġġedded minbarra jekk raġunijiet obbligatorji ta' sigurta nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(3).

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(1), il-permess ta' residenza li trid tinħareġ lil membri tal-familja tal-benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jista' jkun validu għal inqas minn tliet snin u jkun jiġġedded.

2. Kemm jista' jkun malajr wara li l-istat tagħhom ikun ingħata, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja permess ta' residenza li jrid ikun validu għal mill-inqas tliet snin u jiġġedded minbarra jekk raġunijiet obbligatorji ta' sigurta nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor.

*Artikolu 25*

**Dokument ta' vjaġġjar**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu lil benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat dokumenti ta' vjaġġar fil-forma dikjarata fl-Iskeda mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, għall-għan ta' vjaġġar barra mit-territorju tagħhom minbarra jekk raġunijiet obbligatorji ta' sigurta nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor.

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu lil benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja li ma jistgħu jiksbu passaport nazzjonali, dokumenti li jippermettuhom li jivvjaġġaw, għall-inqas meta raġunijiet serji umanitarji jinħolqu li jeħtieġu l-presenza tagħhom fi Stat ieħor, minbarra jekk raġunijiet obbligatorji ta' sigurta nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor.

*Artikolu 26*

**Aċċess għal impjieg**

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat sabiex jieħu parti f'attivitajiet ta' xogħol bħala impjegati jew xogħol għal rashom bla ħsara għar-regoli ġeneralment applikabbli għall-professjoni u għas-settur pubbliku, immedjatament wara li jkun ingħata l-istat ta' refuġjat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li attivitajiet bħal ma huma opportunitajiet ta' edukazzoni relatati ma' xogħol għal adulti, taħriġ vokazzjonali u esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol huma offruta lil benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat, fuq kondizzjonijiet ekwivalenti għal ċittadini nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja sabiex jieħdu parti f'attivitajiet ta' xogħol bħala impjegati jew xogħol għal rashom bla ħsara għar-regoli ġeneralment applikabbli għall-professjoni u għas-settur pubbliku, immedjatament wara li jkun ingħata l-istat ta' protezzjoni sussidjarja. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri tista' titqies, inkluż il-prijoritazzjoni possibbli ta' aċċess għal impjieg għal perjodu limitat li jrid jiġi stabbilit bi qbil mal-liġi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarju ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għandu aċċess għal post għal liema l-benefiċjarju jkun irċieva offerta bi qbil mar-regoli nazzjonali fuq prijoritazzjoni fis-suq tax-xogħol.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja jkollhom aċċess għal attivitajiet bħal ma huma opportunitajiet ta' edukazzoni relatati ma' xogħol għal adulti, taħriġ vokazzjonali u esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol, fuq kondizzjonijiet li jridu jiġu deċiżi mill-Istati Membri.

5. Il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri applikabbli għal rimunerazzjoni, aċċess għal sistemi ta' sigurta soċjali li għandhom x'jaqsmu ma attivitajiet ta' xogħol bħala impjegat jew xogħol għal rasu u kondizzjonijiet oħra ta' impjieg għandhom japplikaw.

*Artikolu 27*

**Aċċess għal edukazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess sħiħ lis-sistema ta' edukazzjoni lill-minuri kollha li jingħataw stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja fuq l-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-adulti li jingħataw stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja aċċess għas-sistema ġenerali ta' edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, fuq l-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini nazzjonali ta' pajjiż terz legalment residenti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw trattament ugwali bejn benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja u ċittadini nazzjonali fil-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta' għarfien għal diplomi barranin, ċertifikati u xhieda oħra ta' kwalifiki formali.

*Artikolu 28*

**Solliev soċjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja jerċievu, fl-Istat Membru li jkun ta dawn l-istati, l-għajnuna soċjali meħtieġa, kif provvdut lil ċittadini nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

2. Bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali preskritta fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw għajnuna soċjali mogħtija lil benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għal benefiċċji ġewwinija li mbagħad jiġu provvduti fl-istess livelli u fuq l-istess kondizzjonijiet ta' eliġibilita bħal ċittadini nazzjonali.

*Artikolu 29*

**Kura tas-saħħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa fuq l-istess kondizzjonijiet ta' eliġibilita bħal ċittadini nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun ta dawn l-istati.

2. Bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali preskritta fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw kura tas-saħħa mogħtija lil benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għal benefiċċji ġewwinija li mbagħad jiġu provvduti fl-istess livelli u fuq l-istess kondizzjonijiet ta' eliġibilita bħal ċittadini nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, fuq l-istess kondizzjonijiet ta' eliġibilita bħal ċittadini nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun ta l-istat, kura tas-saħħa adegwata lil benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja li għandhom bżonnijiet speċjali, bħal ma huma nisa tqal, persuni b'disabilita, persuni li jkunu għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minuri li kienu vittmi ta' kull forma ta' abbuż, negliġenza, esplojtazzjoni, tortura, trattament krudili, inuman jew degradanti jew li jkunu soffrew minn konflitt armat.

*Artikolu 30*

**Minuri mhux akkompanjati**

1. Kemm jista' jkun malajr wara li jingħata l-istat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, biex jiżguraw ir-rappreżentazzjoni ta' minuri mhux akkompanjati minn gwardjan legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u stat tajjeb ta' minuri, jew b'kull rappreżentazzjoni oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq leġislazzjoni jew ordni tal-Qorti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bżonnijiet tal-minuri jintlaqu kif mistħoqq fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-gwardjan jew rappreżentant maħtur. L-awtoritajiet xierqa għandhom jagħmlu l-istimi regolari tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minuri mhux akkompanjati jitqegħdu jew:

(a) ma' qraba adulti; jew

(b) ma' familja barranija li trabbihom (*foster*); jew

(ċ) f'ċentri speċjalizzati f'akkomodazzjoni għal minuri; jew

(d) f'akkomodazzjoni oħra xierqa għal minuri.

F'dan il-kuntest, il-ħsibijiet tat-tfal għandhom jitqiesu skond l-eta u l-grad ta' maturita tiegħu jew tagħha.

4. Sakemm u safejn ikun possibbli aħwa għandhom jinżammu flimkien, waqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minur interessat u, partikolarment, l-eta u l-grad ta' maturita tiegħu jew tagħha. Bdil ta' residenza ta' minuri mhux akkompanjati għandu jiġi limitat għal minimu.

5. L-Istati Membri, li qed jipproteġu l-aħjar interessi tal-minur mhux akkompanjat, għandhom jagħmlu sforz biex jittraċċaw il-membri tal-familja tal-minuri kemm jista' jkun malajr. F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrita tal-minur jew il-qraba viċini tiegħu jew tagħha, partikolarment jekk ikunu baqgħu fil-pajjiż ta' l-oriġini, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġbir, il-proċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni rigward dawk il-persuni qed jitwettqu fuq bażi kunfidenzali.

6. Dawk li qed jaħdmu ma' minuri mhux akkompanjati għandu jkollhom jew ikunu rċevew taħriġ xieraq rigward il-bżonnijiet tagħhom.

*Artikolu 31*

**Aċċess għal akkomodazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja għandhom aċċess għal akkomodazzjoni fuq kondizzjonijiet ekwivalenti għal ċittadini nazzjonali oħra ta' pajjiż terz residenti legalment fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 32*

**Liberta ta' moviment fl-Istat Membru**

L-Istati Membri għandhom jippermettu liberta ta' moviment fit-territorju tagħhom għal benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja, fuq l-istess kondizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawk provvduti għal ċittadini nazzjonali ta' pajjiż terz residenti legalment fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 33*

**Aċċess għal faċilitajiet ta' integrazzjoni**

1. Sabiex tiġi faċilitata l-integrazzjoni ta' refuġjati fis-soċjeta, l-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment għal programmi ta' integrazzjoni li jqisu li huma xierqa jew joħolqu kondizzjonijiet minn qabel li jiggarantixxu aċċess għal dawn il-programmi.

2. Fejn jitqies xieraq minn Stati Membri, benefiċjarji ta' stat ta' protezzjoni sussidjarja għandhom jingħataw aċċess għal programmi ta' intergrazzjoni.

*Artikolu 34*

**Ripatrijazzjoni**

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għajnuna lil benefiċjarji ta' stat ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom (*repatriate*).

IL-KAPITOLU VIII

**KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

*Artikolu 35*

**Koperazzjoni**

Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali, li l-indirizz tiegħu għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, li għandha tikkomunikah lill-Istati Membri l-oħra.

L-Istati Membri għandhom, f'għaqda mal-Kummissjoni, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex tiġi stabbilita koperazzjoni diretta u bdil ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 36*

**Staff**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li qed jimplimentaw din id-Direttiva jkunu rċevew it-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzalita, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' xi informazzjoni li jkunu kisbu fil-kors tax-xogħol tagħhom.

IL-KAPITOLU IX

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 37*

**Rapporti**

1. Sa l-10 ta' April 2008, il-Kummissjoni għanda tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tipproponi kull emenda li hija meħtieġa. Dawn il-proposti għal emendi għandhom isiru bi prijorita f'relazzjoni ma' l-Artikoli 15, 26 u 33. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li hija xierqa għat-tfassil ta' dak ir-rapport sa l-10 ta' Ottubru 2007.

2. Wara li tippreżenta r-rapport, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-inqas kull ħames snin.

*Artikolu 38*

**Trasposizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-10 ta' Ottubru 2006. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta Stati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir riferenza bħal din għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 39*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 40*

**Lil min indirizzata**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. McDOWELL